**Motivazzjoni għad-deċiżjoni tas-Sedja moqrija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta tal-10 ta' Lulju 2023 dwar ammissibilità ta' emenda mressqa mill-Onor. Karol Aquilina għall-Mozzjoni 119 dwar talba għal Inkjesta Pubblika dwar il-mewt traġika ta' Jean Paul Sofia**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-emenda moqrija mill-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tal-Ħamis, 6 ta' Lulju 2023, meta l-Kamra kienet qiegħda tiddiskuti mozzjoni tal-Oppożizzjoni dwar il-ħatra ta' inkjesta pubblika dwar il-mewt traġika ta' Jean Paul Sofia. Huwa u jressaq l-emenda l-Onor. Aquilina li l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Stanley Zammit **jipproponu illi l-mozzjoni numru 119** ippreżentata minn dawn l-istess Membri "**kif emendata mill-emenda għall-mozzjoni ppreżentata mill-Onor Andy Ellul** f'isem il-Grupp Parlamentari Laburista għandha tiġi emendata kif ġej:" u kompla jaqra l-emenda.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-punti li f'dak il-mument tqajmu dwar l-ammissibilitá ta' din l-emenda, liema oġġezzjonijiet ġegħluha tissospendi s-seduta għal ftit minuti sakemm tikkonsulta mal-Whips u d-Deputy Whips taż-żewġ naħat tal-Kamra, kif ukoll mal-Onor. Karol Aquilina. Dan kellha tagħmlu għaliex is-Sedja f'dak il-ħin rat illi tali emenda tista' tqajjem diffikultajiet proċedurali.

Is-Sedja għalhekk issa se tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ammissibilità tal-emenda mressqa mill-Onor. Aquilina, u tibda mill-ewwel billi tinnota li l-emenda li tressqet kienet qed tipproponi bidla għal test li f'dak il-mument il-Kamra ma kellhiex quddiemha. Dan għaliex l-emenda ma kinitx qed tipproponi emenda għat-test tal-Mozzjoni 119 – liema mozzjoni sa dak il-ħin kienet għadha għall-konsiderazzjoni tal-Kamra fil-forma oriġinali tagħha kif tidher fuq l-Aġenda – iżda għal test li kien jiddependi mill-eżitu ta' żewġ eventwalitajiet; jekk l-emenda tal-Gvern għall-istess mozzjoni kinitx se tgħaddi u jekk, f'każ li l-emenda tgħaddi, il-mozzjoni kif emendata kinitx se tgħaddi.

Il-Kamra jista' jkollha t-test tal-mozzjoni li qed issir referenza għalih fl-emenda moqrija mill-Onor. Aquilina, biss fil-mument li l-Kamra tkun ħadet deċiżjoni finali u ċjoè wara li s-Sedja tkun qiegħdet il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni kif emendata permezz tal-emenda tal-Gvern, dejjem jekk din tkun għaddiet.

Dan ifisser li l-emenda moqrija mill-Onor. Aquilina qiegħda tikkontempla sitwazzjoni ipotetika, ċjoè tipproponi bidla għal test ta' mozzjoni li l-Kamra jista' jkollha, jew ma jkollhiex quddiemha, fil-futur.

Il-proċedura li biha jimxi l-Parlament hija li l-Kamra tasal għal deċiżjoni konklussiva wara li s-Sedja tkun qiegħdet il-mistoqsija fuq kull emenda li tkun tressqet minn kull naħa tal-Kamra u fl-aħħarnett tqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif emendata b'dawk l-emendi li jkunu għaddew. Is-Sedja għalhekk ma tistax taċċetta l-emenda tal-Onor Aquilina għaliex fl-istadju meta l-emendi jkunu qed jitqiegħdu għall-vot, l-emenda tal-Onor Aquilina tkun qed tipproponi bidla għal test li f'dak il-mument ma jeżistix.

Barra minn hekk is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-Ordnijiet Permanenti 54 u 55 li jgħidu hekk:

> 54. Ebda membru ma jista' jitkellem dwar kwistjoni wara li titqiegħed għal kollox għall-voti, jiġifieri, wara li l-iSpeaker jew il-President ikun ġabar dwarha l-voti kemm favur u kemm kontra.
>
> 55. Ebda membru ma għandu jitkellem kontra jew jikkritika xi vot tal-Kamra ħlief sabiex iressaq mozzjoni biex dak il-vot jiġi mħassar wara avviż kif jixraq.

Is-Sedja tara li dawn id-dispożizzjonijiet ifissru li l-Kamra ma tistax tiftaħ mill-ġdid għall-kunsiderazzjoni tagħha kwestjonijiet li dwarhom tkun ħadet deċiżjoni. Dan jista' jsir biss permezz ta' mozzjoni separata wara li jingħata l-avviż dovut skont l-istess Ordnijiet Permanenti.

Is-Sedja tifhem il-loġika u l-ispirtu ta' dawn id-dispożizzjonijiet li jfissru li wara li materja tkun ġiet ikkonsidrata u possibilment emendata, jippermettu lill-Kamra tasal għal deċiżjoni konklussiva u dan mingħajr ma jiċħdu d-dritt lil kull Membru tal-Kamra li sussegwentement, jikkontesta tali deċiżjoni dejjem skont kif jipprovdu l-istess regolamenti tal-Kamra.

Għaldaqstant is-Sedja, wara li anke ħadet il-pariri legali, se tinvoka l-poteri mogħtija lilha bis-saħħa tal-Ordni Permanenti 44 li jgħid hekk:

> 44. Dwar kull mozzjoni jew kull abbozz ta' liġi taħt konsiderazzjoni f'kumitat, l-iSpeaker jew il-President tal-Kumitati jkollu setgħa li jagħżel l-emenda jew il-klawżoli ġodda biex jiġu proposti, u jista' jsejjaħ kull membru li jkun ta avviż ta' emenda biex jagħti dik l-ispjegazzjoni tas-suġġett tal-emenda biex biha jkun jista' jifforma ġudizzju dwarha.

u tiddeċiedi li ma tistax tilqa l-emenda mressqa mill-Onor. Aquilina għall-Mozzjoni 119.

Għalhekk meta s-Sedja se tkun qed tgħaddi għall-Mozzjoni 119 li tidher fuq l-aġenda, se tqiegħed l-ewwel il-mistoqsija fuq l-emenda imressqa mill-Gvern, u immedjatament wara tressaq il-mistoqsija fuq il-mozzjoni, possibbilment kif emendata.